**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Istruttorja**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Achuil Abdalla, detentur tal-Refcom bin-Numru 19A-011.**

*Kumpilazzjoni Nru.645/2024*

**Illum 13 ta' Mejju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Achuil Abdalla u ċioe` talli:

Fil-ħmistax (15)-il jum ta' Awwissu, 2024 f'xi ħin bejn is-siegħa (13:00) u l-erbgħa u nofs (16:30) ta' wara nofsinhar ġewwa l-ħanut *Soyah Halal Butcher & Grocery* li jinsab fi Triq Ħaż-Żabbar, ġewwa Raħal Ġdid u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ahmed M. Ahmed Aqeil, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), fejn twettqet

vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma, u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H(f) u 251H(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, għamel ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa, u minħabba f'hekk xi ħadd bata offiża ta' natura gravi fuq il-persuna, u dan bi ksur tal-Artikoli 328(b) u 328(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi modijiet oħrajn mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Ahmed M. Ahmed Aqeil billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Diċembru, 2024[1] permess ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 250(1)(2); 251(1)(3); 251H(g); 251H(f) u 251H(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.122

3. Fl-Artikoli 328(b)(c)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.;
5. Fl-Artikoli 7; 15A; 17; 23; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 412D; 532A; 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-20 ta' Jannar, 2025, l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex il- każ jinstema u jiġi deċiż minn din il-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**<u>Il-Provi</u>**

Mill-**Current Incident Report**[3] irriżulta li fil-15 t'Awwissu 2024 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' waranofsinhar (16:45) daħal rapport l-Għassa ta' Raħal Ġdid dwar argument li kien inqala' aktar kmieni ġewwa l-ħanut *Soyah Halal Butcher Shop,* proprjetà tal-kwelerant **Mohammed Suleman**. Dan l-argument allegatament seħħ bejn impjegat tiegħu u xi klijenti. Il-kwerelant allega li dawn il-klijenti kienu kissrulu xi affarijiet. Meta l-pulizija marret fuq il-post, ġie innotat li kien hemm xkaffa mal-art, diversi prodotti mxerdin mal-art u tiċpis ta' lewn ħamrani li l-kwerelant indika li kienu "*infaqaw xi fliexken ta' tadam*" kif ukoll xi dmija mal-art "*minn prodotti tal-laħam.*" Ġie nnotat ukoll li kien hemm "*riħa tinten ta' laħam jinten.*" L-impjegat, **Achuil Abdalla**, stqarr illi kienu daħlu fuqu raġel u mara ta' nazzjonalità Libjana li għamlu lment dwar laħam ħażin u r-raġel ħebb għalih. Hu kompla jgħid li meta beda jiġbed *video* tal-akkadut, il-mara ħaditlu l-*mobile* u ħarbet minn fuq il-post. Il-kwerelant qal illi lill-klijent kien jafu biss bl-isem ta' "Ahmed" u kien ċempillu biex jiġi fuq il-post. Fil-fatt, dan **Ahmed M. Ahmed Aqeil** wasal ftit wara u minnufih ġie avviċinat mill-pulizija.

Wara li ġie infurmat illi kien taħt arrest u mogħti d-drittijiet tiegħu, Aqeil ittieħed ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid fejn stqarr illi Laylay Hussayn Abu

---
[2] Fol.124
[3]Fol.11-14

Ighararah, "*.... xi 3 marret tixtri l-laħam u l-laħam għandu r-riħa u marret taqla, u ġie u kif kienet ħa taqla kaxkara 'l barra mill-ħanut, u mbagħad ġiet tkellimni u mort inkellmu, u mal-ewwel kif dħalt tani daqqa ġo imniehri u beda jsawwatni, jiena lanqas biss missejtu beda jħabbat il-fliexken taż-żejt fuqi.*". Aqeil ċaħad li kisser xi ħaġa u li ħebb għal jew insulenta lill-imputat.[4]

**L-Ispettur Antonello Magri** spjega illi nhar il-Ħamis 15 ta' Awwissu tas-sena 2024, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħaxija, ċertu Ibrahim Mohammed Suleman daħal ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Raħal Ġdid fejn stqarr illi aktar kmieni, bejn is-sagħtejn u nofs u l-erbgħa ta' waranofsinhar (2:30pm – 4:00pm) kien seħħ argument ġewwa l-ħanut tiegħu li huwa *Soyah Halal Butcher* li jinsab fi Triq Ħaż-Żabbar, kantuniera ma' Triq il-Qalb ta' Ġesù, Raħal Ġdid. Suleman qal illi l-argument seħħ bejn impjegat tiegħu, Achuil Abdalla u persuna oħra ta' nazzjonalità Libjana u li a kawża tal-istess argument sofra xi danni u ħsarat fil-ħanut. Spjega wkoll illi l-pulizija marret mill-ewwel fuq il-post fejn sabet ħafna taqlib, xi *stands* imkissrin u ħafna prodotti bħal żjut u tadam mxerdin mal-art. L-impjegat ta' Suleman, Abdalla, kien fuq il-post u stqarr mal-pulizija illi kellu argument ma' persuna minħabba li daħlet mara u bdiet tinsisti illi kien hemm riħa tinten ta' laħam u ppruvat tisirqu xi affarijiet. Abdalla qal illi waqt l-argument daħal raġel li spiċċa jagħtih u jimbuttah mal-art. Ix-xhud spjega wkoll illi dak il-ħin Abdalla kellu xi ġrieħi viżibbli f'idejh u għalhekk intbagħat il-poliklinika ta' Raħal Ġdid. Fuq il-post tal-inċident mar ukoll ir-raġel l-iehor, Ahmed M. Ahmed Aqeil, li wkoll kellu ġrieħi viżibbli fuq wiċċu, fuq għajnejh it-tnejn. Ix-xhud ordna l-arrest taż-żewġ persuni minħabba ħsara involontarja kif ukoll ġrieħi ħfief u ġrieħi gravi.[5]

L-ispettur kompla jispjega illi l-għada, jiġifieri nhar is-16 t'Awwissu 2024, il-pulizija kellmet lil Aqeil ġewwa l-Isptar Mater Dei fejn stqarr li kellu argument mal-imputat. Hu qal illi malli daħal fil-ħanut, l-imputat tah daqqa ta' ponn fuq imnieħru, waqa' mal-art u ma kien jiftakar xejn iżjed.

L-ispettur spjega li fl-istess jum, jiġifieri nhar is-16 t'Awwissu 2024, l-imputat stqarr mal-pulizija illi waqt l-argument, ir-raġel Libjan ipprova jħebb għalih ħafna drabi u hu beda jiddefendi lilu nnifsu. Hu insista illi kien għalhekk li r-raġel l-ieħor beda jinstabat fuq l-affarijiet ġewwa l-ħanut u dawn, bħala konsegwenza, bdew jaqgħu.

L-ispettur spjega illi nħarġu akkużi kontra ż-żewġ persuni, jiġifieri l-imputat u Aqeil.[6]

---

[4] Fol.13
[5] Fol.47-48
[6] Fol.49-50

L-ispettur esebixxa wkoll *pendrive*[7] mogħtija lilu mill-imputat b'*video* li l-istess imputat beda jipprova jiġbed sakemm dik il-mara ħaditlu l-*mobile* minn idejh u telqet 'l barra mill-ħanut bih.

L-ispettur qal illi ma rriżulta li ma kien hemm l-ebda *cameras* tas-sigurtà fil-viċinanzi tal-post fejn seħħ l-argument.

*Stqarrija tal-Imputat*[8]

Wara li ġie arrestat u mogħti d-drittijiet tiegħu, l-imputat stqarr li dakinhar tal-akkadut kien qed jaħdem ġewwa l-ħanut *Soyah Butcher Halal* meta daħlet mara tixtri. Din qaltlu li kien hemm riħa tinten. Hu spjegalha li x'aktarx illi l-laħam kien qed jinten minħabba s-sħana. Imbagħad il-mara bdiet tagħmel ħsejjes qisha se tirremetti, ħatfet kaxxa tal-*ispices,* ħarġet barra 'l ħanut, fetħitha u ħadet ħames *sachets* minn ġol-kaxxa. Imbagħad il-mara għajtitlu biex joħroġ għall-kaxxa u hu qalilha "*ok leave them all don't take anything and leave.*" Iżda l-mara rrifjutat u qaltlu li kienet se tħallas lil sid il-ħanut. L-imputat qalilha "*no the boss is not here*" u pprova joħdilha dawk is-*sachets* minn idejha. Iżda l-mara bdiet tinsultah, tgħidlu li kien messha u bdiet tgħajru "*abit*" li tfisser "skjav." Baqgħet tgħid li hi kienet Musulmana u għalhekk ma setax imissha. L-imputat kompla jispjega:

> "*Then I took the sachets and I told her to keep walking away from the shop and I told her that she is stealing and she threw the remaining sachets to me and she left. After a while she came again with her husband and the husband grabbed me from the neck and told me 'why are you insulting the woman?' whilst she was screaming, then I grabbed my mobile and started recording the incident, then the woman took my phone and she ran away, when I left the guy I went running after the woman to get my phone, the guy grabbed me from behind and the woman ran away. We then began to fight inside the shop and he punched me and I punched him back, but first he punched me before I punched him and we continued fighting. By this he started breaking everything in the store. After this he ran away and the police arrived on scene.*"[9]

**Laylay Hussayn Abu Igharārah** ġiet mitkellma l-għada tal-inċident, nhar is-16 t'Awwissu 2024, ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid fejn stqarret[10] illi l-ġurnata ta' qabel kienet marret tixtri *chicken cubes* mill-ħanut "*tas-Sudaniz ghax nafu u habib.*" Iżda x'ħin daħlet fil-ħanut xammet riħa tinten "*qisu xi ħaġa mejta*" u bdiet

[7] *Pendrive* bil-filmat a fol.52
[8] **Dok.A** a fol.8-10
[9] Fol.13
[10] **Dok.D** a fol.15-19

titqalla. Ħadet il- *"cubes"* u ħarġet barra biex tieħu nifs u l-impjegat beda jgħajjat magħha u jgħidilha li kienet ħarġet barra biex tagħmillu *"riklam hazin."* Hu qalilha biex ittieh lura l-*cubes* li kienet ħadet u għalkemm ħarġet il-flus mill-portmoni hu beda jgħidilha *"le mhux se nbieghlek u itlaq l hemm barra."* Meta qaltlu li kienet se "[t]*irranga ma' Mohammed,*" l-impjegat akkużaha li se tisraq. Hi beżgħet x'ħin beda jgħajjat u jitkellem *"b'accent Sudaniz."* Kompliet tistqarr *"beda jghidli tarmix mal-art imma jien taghthomlu f'idu u taghni daqqa fuq rasi u wicci. Jien edtlu inti sawwatni u jien ha mmur ghand il-pulizija."* Qalet illi wara rat lil Ahmed ġej u ratu jkellem lill-impjegat. Kompliet tgħid illi:

> *"dak il-hin is-Sudaniz qabdu mill-flokk u tefaw mal-art. U beda jghajjat ma Ahmed……Dak il-hin rajthom qabdu ma xulxin bdejt nghajjat pulizija pulizija, qbadt telefon u tlaqt nigri gejt hawnhekk l-ghassa habbat il-bieb imma bil-panic bdejt nigri bejn il-ħanut u l-ghassa."*[11]

Dwar il-mobile li hadet, Ighararah stqarret li *"dak il-hin ma bdejtx nara tfixkilt hadt il-portmoni tieghi u mobile u wara ndunajt illi mhux il-mobile tieghi ghax kont ippanikjata."*

Dwar it-tkissir ġewwa l-ħanut ħalfet li ma ratx biex ma tkunx *"responsabbli fuq xi haga ingusta fuq tnejn l-huma."*[12]

## **<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

*<u>L-ewwel u t-tieni imputazzjoni: offiża gravi fuq il-persuna u vjolenza fuq il-privat</u>*

Il-prosekuzzjoni xlit lill-imputat bid-delitt ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ahmed M. Ahmed Aqeil li dak il-ħin tal-akkadut daħal ġewwa l-ħanut fejn l-imputat kien impjegat, sabiex jikkonfronta lill-imputat dwar argument li kien għadu kemm seħħ bejn klijenta u l-istess imputat.

L-allegat vittma għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri peress illi huwa wkoll kien qed jiffaċċja akkużi kriminali rigwardanti l-istess inċident, liema proċeduri kienu għadhom pendenti. Iżda *a tempo vergine,* stqarr mal-pulizija illi *"mal-ewwel kif dhalt* [l-imputat] *tani daqqa go imniehri u beda jsawwatni, jien lanqas biss missejtu beda jhabbat il-fliexken taż-zejt fuqi."*[13] L-ispettur Antonello Magri xehed illi fl-istqarrija tiegħu, il-vittma qal illi kien qala' daqqa fuq imnieħru mingħand l-imputat u ma kien jiftakar xejn iżjed.

---

[11] Fol.18
[12] Ibid.
[13] Fol.18

Il-Qorti tibda biex tosserva illi fil-filmat esibit mill-uffiċjal investigattiv, liema filmat kien mogħti lill-pulizija mill-imputat innifsu, jidher l-allegat vittma bil-wieqfa, jżomm lill-imputat mill-qmis waqt li l-istess imputat jidher ixabbat id waħda lejn il-*mobile* li kien qiegħed jirrekordja dak li kien qiegħed għaddej, waqt li bl-id l-oħra jidher iżomm lill-allegat vittma mill-flokk. Imbagħad, f'salt wieħed, xi ħadd jaħtaf il-*mobile,* li kien għadu qed jirrekordja, u jitlaq bih 'l barra mill-ħanut. Dik il-persuna li ftit wara ddawwar il-*camera* tal-*mobile* lejha, tidher ċar li hi Igharararah, liebsa *hijab* u b'wiċċha mikxuf.

Il-Qorti mill-ewwel tosserva illi **l-materjal viżiv esibit mill-prosekuzzjoni jitfa' dubju fuq il-verżjoni tal-allegat vittma li f'dak il-filmat jidher fuq saqajh, jaħtaf lill-imputat mill-qmis waqt li l-imputat iżommu mill-flokk sakemm jipprova jirrekordja x-xena bil-*mobile.* Ma jidher l-ebda taqlib madwar iż-żewġ persuni li jidhru bil-wieqfa f'rokna tal-ħanut. L-anqas ma kienu jidhru ġrieħi fuq l-allegat vittma u dan jikkontradixxi l-verżjoni tiegħu illi l-imputat tah daqqa ta' ponn malli daħal ġol-ħanut u għalhekk ma seta' jiftakar xejn iżjed**.

Din l-evidenza materjali aktar tikkorrobora l-verżjoni tal-imputat li *a tempo vergine* stqarr illi raġel Libjan, li hu ma kellux konoxxenza tiegħu, daħal fil-ħanut u mar jikkonfrontah. L-imputat stqarr illi kien għalhekk li hu kellu jiddefendi lilu nnifsu.

Fil-fatt, din kienet il-linja difensjonali tal-abbli difensur tal-imputat li fit-trattazzjoni finali tiegħu insista illi l-imputat, li huwa student u li fiż-żmien tal-akkadut kien qiegħed jaħdem ġewwa l-ħanut ta' Suleman, kien provokat waqt li kien qiegħed jaqdi d-doveri tiegħu u jieħu ħsieb il-ħwejjeġ ta' sidu. Minn analiżi tal-assjem tal-provi, jidher illi din il-linja difensjonali hija ben fondata għaliex hu evidenti li l-allegat vittma indaħal bejn il-klijenta u l-imputat biex jipprova jintimidah.

L-inċident mertu ta' dan il-każ jidher li beda minn argument verbali bejn l-imputat u l-ħabiba ta' Aqeil li ħolqot kjass meta suppost marret biex tixtri ftit *chicken cubes* biex tkun tista' tkompli tipprepara l-ikla li kienet qed tħejji dakinhar. Dik ma kienitx l-ewwel darba li xtrat minn dak il-ħanut għaliex fil-fatt stqarret li kienet taf lis-sid. Iżda meta rifset ġol-ħanut, mill-ewwel bdiet tilmenta dwar riħa tinten *"qisu xi ħaġa mejta"* u qalet li bdiet iddejjaqha. L-imputat, li dak il-ħin kien waħdu jiġġestixxi l-ħanut ta' sidu, aktar tard spjega illi hu kien sellem lill-klijenta meta daħlet, iżda hi bħal donnha injoratu. Imbagħad bdiet tilmenta dwar ir-riħa tinten u bdiet tagħmel ħsejjes bħal donnha se tirremetti. F'salt wieħed qabdet kontenitur li fih kien hemm iċ-*chicken cubes* u telqet 'l barra fit-triq. Fin-nuqqas tas-sid, l-imputat ħass li kellu

jissalvagwardja l-interessi u l-proprjetà ta' sidu billi ma jħallix lill-klijenta tgħajjat barra dwar dik ir-riħa tinten jew li titlaq b'dak il-prodott mingħajr ma tħallas. Meta beda jipprova joħdilha l-*cubes* minn idejha, hi bdiet tinsisti li kienet ser tħallas lis-sid. Iżda l-imputat qalilha biex titlaq u ma tixtri xejn u l-mara għajritu "*abit,*" kelma dispreġġattiva li tfisser "skjav." Bdiet tgħidlu li ma setax imissha għax hi kienet Musulmana. Min-naħa tagħha, il-klijenta stqarret li l-imputat beda jgħajjat "*b'accent Sudaniz*" u hi tant beżgħet li tagħtu l-aħħar *cube* li kellha f'idha. Kien proprju f'dak il-mument li allegatament taha daqqa fuq rasha u wiċċha. Il-mara qalet li telqet u wara ftit irritornat mal-ħabib tagħha, Aqeil, li qalilha li kien raha tiġġieled mal-imputat u għalhekk mar fil-ħanut biex isaqsi lill-impjegat għalfejn "*sawwat mara.*"

Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'verżjonijiet konfliġġenti dwar dak li seħħ fil-ħanut meta l-allegat vittma mar għas-sodisfazzjon. Hu stqarr *a tempo vergine* li malli daħal ġewwa l-ħanut, l-imputat tah daqqa fuq imnieħru mingħajr ma hu kien biss missu u żied jgħid li l-imputat beda jsabbat il-fliexken taż-żejt fuqu. Min-naħa l-oħra, l-imputat stqarr illi kien l-allegat vittma li mar dritt għal fuqu kif daħal ġol-ħanut. Dak l-iskonoxxut ħatfu mill-għonq tal-qmis u beda jgħidlu "*int kif tgholli idejk fuq mara......?*" Rinfaċċjat b'dak l-għemil aggressiv, l-imputat qabad il-*mobile* u beda jirrekordja. Il-Qorti tosserva illi dik l-evidenza viżiva ta' ftit sekondi aktar tikkorrobora l-verżjoni tal-imputat u titfa' dubju serju fuq il-verżjoni tal-allegat vittma li jidher bil-wieqfa jżomm lill-imputat mill-qmis. <u>Altru milli mitluf minn sensih wara d-daqqa li suppost qala' fuq imnieħru malli daħal fil-ħanut, kif allega mal-pulizija ftit wara l-akkadut</u>!

Il-ħsieb tal-imputat li jirrekordja dak li kien qiegħed iseħħ ġewwa l-ħanut meta hu kien qiegħed waħdu jiffaċċja lil dak l-iskonoxxut li daħal għalih, falla proprju minħabba l-intervent ta' Ighararah li, minflok ma ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni, ħatfet il-*mobile* tal-imputat u telqet 'l barra bih. Dik l-azzjoni tal-mara inqabdet fil-filmat peress illi l-mobile kien għadu qed jirrekordja u meta dawwret il-*camera* lejha, ma kien hemm l-ebda dubju dwar min kienet il-persuna li ħadet il-*mobile.* <u>Tali intervent ikompli joħloq dubju dwar il-verżjonijiet tal-allegat vittma u l-ħabiba tiegħu dwar dak li verament seħħ ġewwa l-ħanut</u>.

L-imputat stqarr illi hu pprova jiġri wara dik il-mara biex jieħu lura l-*mobile* tiegħu, iżda l-allegat vittma beda jżommu minn wara billi dawwar idejh ma' għonqu u beda jagħtih daqqiet fuq wara. L-imputat kompla jgħid illi meta beda jimbotta lill-allegat vittma, dan kien jerġa' jiġi lura għal fuqu. Qal ukoll li l-allegat vittma beda jagħtih bi flixkun taż-żejt. Hu laqa' b'idu l-leminija u l-flixkun inkiser fuq idu. Il-Qorti tosserva illi l-ispettur Antonello Magri spjega li l-imputat "*kellu xi griehi viżibbilment f'idejh*" u fil-fatt, il-pulizija kienu qalulu biex imur il-poliklinika ta' Raħal Ġdid. Skond il-**Current Incident Report,** l-

imputat irrifjuta l-assistenza medika. Mill-atti proċesswali ma tirriżulta l-ebda prova materjali li tista' titfa' dawl fuq dawk il-ġrieħi li sofra l-imputat.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-persuna li bdiet l-argument mal-imputat kienet ukoll l-unika xhud okulari ta' dak li ġara wara, meta daħal fix-xena l-ħabib tagħha, l-allegat vittma. Dik ix-xhud stqarret in kontro-eżami illi meta Aqeil mar jaffronta lill-imputat, għall-ewwel hi baqgħet barra. Meta mbagħad semgħet xi għajjat u daħlet ġewwa, qalet li rat lill-ħabib tagħha mal-art, bid-demm ma' wiċċu. Iżda l-Qorti tosserva illi dik **id-dikjarazzjoni tax-xhud hi kontradetta mill-filmat li laħaq irrekordja l-imputat. F'dak il-filmat, kemm l-imputat kif ukoll l-allegat vittma jidhru bil-wieqfa**. Il-Qorti fliet il-filmat bir-reqqa u tosserva illi ma dehret l-ebda dmija fuq wiċċ il-vittma. L-istess filmat, li fil-fatt huwa l-unika evidenza viżiva mressqa mill-prosekuzzjoni, ixejjen il-verżjoni tax-xhud okulari dwar dak li qalet li rat meta daħlet fil-ħanut. **Il-filmat jagħti aktar kredibbilità` lill-verżjoni tal-imputat** meta spjega illi waqt li beda jipprova jirrekordja l-inċident, daħlet l-istess klijenta li ftit qabel kellu diverbju magħha u ħaditlu l-*mobile.* Kien hu stess li għadda dak il-filmat lill-pulizija wara li sidu ġablu lura l-*mobile* mingħand l-allegat vittma.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrimarkax dwar l-<u>inkonsistenza fil-verżjoni tax-xhud okulari</u> meta ntalbet tispjega għalfejn kienet ħadet il-*mobile* tal-imputat. Fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti, ix-xhud l-ewwel qalet li ħadet il-*mobile* għax ħasbitu tagħha, iżda mbagħad in kontro-eżami qalet li dak il-ħin *"ma kinitx f'sikkitha."* u kienet telqet tiġri bil-*mobile* għax kienet qed tibża' u kienet donnha barra minn sensiha. Imbagħad, kważi fl-istess nifs, qalet li kienet ħadet il-*mobile* biex forsi l-imputat imur jiġri warajha u b'hekk iħalli lill-ħabib tagħha. Ix-xhud kompliet tgħid illi tant kienet mifxula li l-ewwel marret lejn l-Għassa tal-Pulizija iżda minflok daħlet titlob l-assistenza, reġgħet lura lejn il-ħanut. Kien proprju dak il-ħin li lemħet lill-ħabib tagħha ħiereġ barra. <u>Ix-xhieda xejn konvinċenti ta' din ix-xhud tħalli dubju serju dwar il-motiv tagħha meta daħlet u ħadet il-*mobile* tal-imputat</u>. Għalkemm in kontro-eżami ħalfet illi l-iskop tagħha ma kienx li taħbi dak li verament seħħ bejn l-imputat u l-ħabib tagħha ġewwa l-ħanut, il-Qorti mhix moralment konvinta illi x-xhud qalet il-verità. Il-Qorti tosserva ulterjorment illi matul id-depożizzjoni tagħha, din il-Qorti kellha twissi lil din ix-xhud mhux darba u tnejn li kellha tgħid il-verità. Il-Qorti saħansitra issospendiet ix-xhieda għal xi ħin sabiex tagħti ċans lix-xhud taħseb sewwa dwar dak li kienet qed tixhed. L-istess xhud kienet ukoll imwissija dwar il-konsegwenzi ta' ġurament falz.

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-allegat vittma u l-ħabiba tiegħu telqu minn fuq il-post fejn seħħ l-akkadut u minflok marru għand il-pulizija, ċemplu lil sid in-negozju biex jgħidulu dwar dak li kien ġara. Meta mbagħad is-sid ċempel fuq in-numru ċellulari tal-impjegat tiegħu biex isaqsih x'kien ġara, irrispondih

*"il-Libjan"* li qallu li kienet seħħet ġlieda bejnu u l-impjegat u li wara, hu-jiġifieri l-allegat vittma-kien ħa l-*mobile* tal-imputat. Is-sid spjega illi għalkemm hu pprova jsolvi l-affari bil-kelma t-tajba, l-allegat vittma insista li ried elf Ewro (€1,000) mhux mingħand sid il-ħanut iżda mingħand l-impjegat tiegħu, jiġifieri l-imputat.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, **l-Qorti tagħti aktar kredibbilità lill-verżjoni tal-imputat li tkellem dwar l-akkadut *a tempo vergine* mal-pulizija**. Wara l-argument li kellu mal-klijenta, hu daħal lura fil-ħanut biex ikompli b'xogħolu. L-affari setgħet waqfet hemm li kieku dik il-klijenta ma rritornatx ftit wara flimkien mal-ħabib tagħha. Kien proprju f'dak il-punt li l-affari eskalat.

Hu fil-kwadru ta' dan ix-xenarju li l-abbli difiża tissottometti l-imputat kien qiegħed biss jiddefendi lilu nnifsu kontra l-attakk insensat u inaspettat tal-allegat vittma u li kwalunkwe reazzjoni tal-imputat seħħet sforz tali provokazzjoni. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tqis illi **l-għemil tal-allegat vittma seta' fil-fatt jiġi perċepit mill-imputat bħala provokazzjoni u konsegwentement l-iskużanti tal-leġittima difiża da parti tal-imputat hija ben fondata**. Kif argumenta l-abbli difensur tal-imputat, kien l-allegat vittma li mar ifittxu fil-ħanut fejn l-imputat kien qiegħed għaddej b'ħidmietu għall-affari tiegħu. Il-fatt li l-imputat ħass il-ħtieġa li jirrekordja dik il-konfrontazzjoni, minnu nnifsu jindika illi hu ħassu mhedded u ried li jkollu xi forma ta' prova materjali dwar dak li kien qed jiffaċċja. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti illi l-imputat ġie affaċjat f'salt wieħed b'għemil aggressiv, tant li beża' li s-sitwazzjoni setgħet teskala u ddur kontrih kif fil-fatt seħħ. Peress illi l-imputat kien waħdu fil-ħanut, kellu jagħmel ħiltu mhux biss biex jipproteġi l-persuna tiegħu iżda wkoll biex jissalvagwardja l-proprjetà ta' sid il-ħanut. Jidher illi kien għalhekk illi kien pront xegħel il-*camera* tal-*mobile* biex jirrekordja l-akkadut u b'hekk ikollu prova materjali tad-dinamika tal-inċident. Meta l-unika xhud okulari, intervjeniet biss biex taħtaf dak il-*mobile* u titlaq 'il barra bih, l-imputat sab ruħu waħdu ma' dak l-iskonoxxut li beda jdawwar idejh ma' għonqu u jagħtih minn wara. L-imputat spjega illi meta pprova jmur wara l-mara li kienet ħaditlu l-*mobile,* l-allegat vittma beda *"jerġa' jiġi"* b'tali mod li l-imputat ma setax jeħles minn jew jevita l-aggressjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat *funditus* id-duttrina tal-leġittima difiża fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clint Zammit**[14] fejn intqal illi:

> "46. Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata: -

[14] Per Onor. Imħallef Edwina Grima, deċiż fl-20 ta' Marzu, 2019.

**"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.[15]"**

47. Illi l-Artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali igħid hekk dwar din l-iskriminanti:

**Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.**

48. Illi d-decizjoni ta` spiss iccitata fejn saret esposizzjoni legali ta' din l-iskriminati hija **Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-16 ta` Ottubru 2003 fejn inghad hekk: -

**"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew nonimputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.**

**Dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", ighid hekk (pagna 104):**

**"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."**

**Dwar il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja, din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tat-23 ta' Gunju, 1978 fl-ismijiet Ir-Repubblika**

[15] Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Psaila**'

**ta' Malta v. Frangisku Fenech, wara li accennat ghall-kontroversja klassika bejn dawk li jghidu li jekk l-aggredit seta' jahrab kien tenut li jaghmel hekk u dawk li jghidu li l-aggredit ma ghandu qatt jirtira, kompliet hekk:**

**"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal- "commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-principji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."**

**Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi: l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`.[16]"**

**Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:**

**"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato"**

**49.** Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli. Id-dritt penali Taljan fil-fatt isemmi bhala zewg rekwiziti ghall-awtotutela dik tan-necessita' u tal-kostrizzjoni: -

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna, fis-16 ta' Ottubru, 2003.

**“La necessità di difendersi e la costrizione sono due elementi diversi ma tuttavia connessi. Necessità di difendersi significa che la reazione deve essere difensiva, e quindi non aggressiva, nel senso che deve essere un’azione che si contrappone ad un’altra azione uguale e contraria, o perlomeno analoga.**

**La costrizione implica che la legittima difesa non possa essere invocata tutte le volte che il soggetto aggredito aveva altre modalità di difesa (ad esempio quando poteva sottrarsi al pericolo con la fuga, oppure chiamando un agente nelle vicinanze). Il soggetto infatti deve essere costretto, cioè trovarsi in una situazione implicante impossibilità di scelta. Si ha costrizione quando il soggetto subisce l'alternativa tra il reagire o tollerare l'attacco esterno senza esserne l'artefice. Ciò si verifica quando tale alternativa non è causata o accettata dall’aggredito o quando egli non possa sottrarvisi senza pregiudizio. Non è, pertanto configurabile la costrizione se il soggetto agente abbia agito non per scopo difensivo, ma per risentimento o ritorsione (Sez. 1, n. 3200 del 18 febbraio 2000) o in un contesto di sfida reciproca (Sez. 5, n. 7635 del 16 novembre 2006; Sez. 1, n. 365 del 24 settembre 1999). La legittima difesa non è neppure invocabile da parte di colui che accetti una sfida o si ponga volontariamente in una situazione di pericolo dalla quale è prevedibile o ragionevole attendersi che derivi la necessità di difendersi dall'altrui aggressione.[17]”**

**50**. Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe’ jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista’ jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jaghmel dan, izda jaffaccja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

**51.** Fil-fatt id-dritt penali Taljan jippresupponi zewg rekwiziti ghall-applikazzjoni ta` din l-iskriminanti**: -**

**L’accertamento della legittimità va infatti operato in due momenti differenti, il primo avendo riguardo all’offesa e al pericolo da questa generato, il secondo avendo riguardo invece alla difesa vera e propria.**

**La legge richiede in primo luogo che si agisca per difendere un diritto contro un’offesa ingiusta. Il significato di questo punto è sufficientemente chiaro e univoco da non richiedere specificazioni.**

**Secondo e ultimo requisito per potersi legittimamente difendere è che il pericolo causato dall’offesa sia attuale, escludendo così tutti I casi in cui questo sia già esaurito o debba ancora verificarsi.[18]**

**52.** Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta’ agressjoni jrid jkun ta’ ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f’tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta’ dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż- żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex

[17] http://www.altalex.com/documents/news/2017/07/03 legittima-difesa-o-licenza-di-uccidere
[18] Ibid.

igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.[19]" [enfasi tal-Qorti]

Applikat dan it-test għall-każ in eżami u fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurispredenzjali, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-imputat aġixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu kontra l-għemil provokatorju tal-allegat vittma li, anke jekk dehrlu li kellu jmur għas-sodisfazzjon dwar materja li kienet tikkonċerna lill-ħabiba tiegħu, kellu jagħmel dan b'mod ċivilizzat u mhux b'attitudni li ċertament m'għandhiex post f'soċjetà ċivilizzata! Inoltre` il-Qorti tqis illi r-reazzjoni tal-imputat kienet proporzjonata għall-aggressjoni subita, aggressjoni li nisslet fl-imputat biża' li tidher li kompliet tikber meta l-allegat vittma ħebb għalih bi flixkun tal-ħġieġ. Fil-fatt, l-imputat stqarr:

*"...bdejt nibza illi jmur hdejn fejn hemm is-skieken jaqbad xi wahda itihili kif taghni bil-flixkun taz-zejt taz-zebbuga."*[20]

Dak il-kumment tal-imputat jirrifletti l-ħsibijiet li għaddew minn moħħu f'dawk il-mumenti meta sab ruħu għall-għarrieda fil-mira ta' aggressjoni fiżika waqt li kien qiegħed fil-kors ta' ġurnata normali ta' xogħol. Il-fatt li kien waħdu kif ukoll il-fatt li kien jaf li fil-ħanut kien hemm strumenti li setgħu jintużaw bħala arma kontra tiegħu, kien ifisser illi għall-imputat il-periklu li pperċepixxa kien tassew serju u reali. Il-periklu kif perċepit mill-imputat kien ukoll inevitabbli stante illi kull darba li beda jimbotta lill-allegat vittma, dan kien *"jerġa' jiġi."*[21] Lanqas ma tista' l-Qorti tqis illi f'dawk iċ-ċirkostanzi l-għemil tal-imputat kien wieħed eċċessiv stante illi hu irreaġixxa bl-istess mezz għall-aggressjoni subita. Fil-fatt, hekk kif stqarr l-imputat *"he punched me and I punched him back, but first he punched me before I punched him and we continued fighting."*[22]

Din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alan Harmsworth**[23] eżaminat ir-rekwiżiti legali meħtieġa biex din l-iskużanti tiġi applikata b'suċċess meta qalet:

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke*

[19] Appell Superjuri – **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2018.
[20] Fol.10
[21] Fol.9
[22] Fol.13
[23] Per Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, deċiża fit-12 ta' Jannar, 2016.

*bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument jkun biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Ilperikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo** fin-Noti tieghu:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time*."

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni w stat mentali w psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi, kif seta' hassu dak il-hin u mument cioe' jekk kienx imbezzgha u /jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox, fid-Difesa Legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe' l-imputat. Rinfaccjat b'perikolu serju w imminenti - kif haseb hu f'dak il-mument - wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma w fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgment. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccjat bih jew minhabba bizgha jew twerwir (fear or fright).

F'dan il-kaz l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni inaspettata tal-kwerelant. Jirrizulta li kien il-kwerelant stess li mar u avvicina lill-imputat waqt li dan kien sejjer 'l hemm bil-vettura tieghu u jidher anke mill-istatura tal-istess kwerelant, kif murija fir-ritratti esebiti, li bhala statura huwa ferm ikbar minn dik tal-imputat. Il-Qorti hija konvinta li dak li ghamel l-imputat ghamlu sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni zejda tal-vittma.

Il-Prosekuzzjoni donna fit-trattazzjoni taghha qalet li l-imputat messu telaq 'l hemm meta ra l-kundizzjoni tal-vittma, w cioe' li d-diskussjoni ta' bejniethom kienet qed tishon, u li ma kellux ghalfejn jidhol f'din il-kwistjoni peress li seta' telaq 'l hemm bil-kwiet billi jsuq minn fuq il-post. Ma' dan pero' l-Qorti ma taqbilx, in linea ma' dak li jghid l-awtur **Carrara** fil-ktieb tieghu Programma Speciale, meta jghid:

"*I piedi per correre sono fatti per I conigli."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Taljan **Giuseppe Maggione** ghal ktieb tieghu Principio di diritto Penali, Vol 1, pg 183 fejn jghid:

*"l'aggredito non e' tenuto a fuggire non gia perche' non puo imparsi la vigliaccheria, ma perche' e' suo dovere lottare per il diritto a reagire al delitto."*

Illi ghalhekk jirrizulta proprju l-kaz klassiku ta' Legittima Difesa fid-dawl ta' dak li gie enuncjat aktar 'il fuq. M'hemmx dubju li c-cirkostanzi kif zviluppaw, graw f'hakka t'ghajn, tant u b'mod li kkrejaw f'mohh limputat, bizgha w paniku w oppressjoni ta' perikolu tali li lahaq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix lilu nnifsu kien ser jifga. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz il-periklu attwali gie kkrejat mill-allegat vittma u mhux mill-imputat li ddefenda ruhu minn din l-aggressjoni tant serja. Illi ghalhekk din il-linja difensjonali qed tigi milqugha.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet meqjusa japplikaw ukoll għall-każ in eżami fejn m'hemmx dubju illi l-imputat irreaġixxa għall-provokazzjoni tal-allegat vittma billi pprova jiddefendi lilu nnifsu mill-periklu li avvera ruħu b'mod mhux mistenni waqt li kien għall-affari tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela u Omissis**[24] qalet illi:

...l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tinġieb bhala skuża. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325 mhix limitata jew arginata b'xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 jew 230 tal-Kodici Kriminali; l-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu dak gia` imsemmi, cjoe` ta' l-artikolu 235. Il-gurista **Francesco Antolisei**, in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz tal-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

"La situazione psicologica di cui trattasi…deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato proporzionata al fatto ingiusto."[25]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali u mir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti tqis illi l-għemil tal-imputat jista' jinkwadra bħala wieħed li seħħ **immedjatament wara u fuq il-provokazzjoni tal-allegat vittma, liema għemil kien mistenni minn bniedem ta' temperament ordinarju li jsib ruħu mhedded u aggredit** meta qiegħed jaqdi dmiru ta' impjegat fil-ħanut ta' sidu.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, mhux se tinstab ħtija fuq dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

---

[24] Per Onor. Imħallef David Scicluna, deċiża fl-10 ta' Settembru, 2004.

[25] **Manuale di Diritto Penale-Parte Generale,** Giuffre` (Milano), 1989, pp 394-395.

*<u>It-tielet imputazzjoni: ħsara involontarja</u>*

Il-prosekuzzjoni xlit +lill-imputat bir-reat ta' ħsara involontarja bħala riżultat tal-konfrontazzjoni fiżika li seħħet ġewwa l-ħanut. Fil-fatt, kien is-sid li rrapporta lill-pulizija l-akkadut wara li l-allegat vittma ċempillu biex jgħidlu li kellu argument mal-impjegat tiegħu u wara li l-istess sid ikkonstata b'għajnejh it-taqlib u t-tkissir fil-proprjetà tiegħu. Iżda, għajr għall-verżjonijiet kontrastanti taż-żewġ partijiet direttament involuti fil-ġlieda u dik dubjuża tal-ħabiba tal-allegat vittma, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar l-akkadut. L-uniku filmat qasir li laħaq irrekordja l-imputat qabel ma ttieħidlu l-*mobile,* kien juri biss lill-imputat u lill-allegat vittma jaqbdu lil xulxin waqt li qegħdin bilwieqfa f'rokna tal-ħanut. F'dak il-filmat ma kien jidher l-ebda taqlib jew tkissir.

Skond il-**Current Incident Report,** l-imputat stqarr illi wara li daħlu fuqu raġel u mara ta' nazzjonalità Libjana, ir-raġel ħebb għalih. Imbagħad kompla jispjega illi *"he punched me and I punched him back, but first he punched me before I punched him and we continued fighting. By this he started breaking everything in the store. After this he ran away and the police arrived on scene."* Il-verżjoni tal-allegat vittma, ċioe` dak li mar jaffronta lill-imputat ġewwa l-ħanut, tikkontrasta ferm ma' dik tal-imputat. Skond il-**Current Incident Report** dan l-allegat vittma qal illi *"mal-ewwel kif dħalt tani daqqa ġo imniehri u beda jsawwatni, jiena lanqas biss missejtu beda jħabbat il-fliexken taż-żejt fuqi."* Hu ċaħad li kisser xi ħaġa u li ħebb jew insulenta lill-imputat.

Din il-verżjoni tal-allegat vittma xejn ma tikkonvinċi lill-Qorti. Fil-fatt, din il-verżjoni kienet kontradetta mill-ħabiba tal-istess vittma li stqarret li *"Dak il-hin rajthom qabdu ma' xulxin."* Meta mistoqsija dwar it-tkissir li sar ġewwa l-ħanut, ix-xhud ħalfet li ma ratx, iżda mbagħad kompliet tgħid illi ma ridietx tkun *"responsabbli fuq xi haga ingusta fuq tnejn l-huma."* Din it-tweġiba pjuttost ambigwa żgur li ma tgħinx biex tiddetermina kif irriżultaw il-ħsarat ġewwa l-ħanut, liema kienu kkawżati bħala konsegwenza diretta tal-ġlieda u minn min. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, kwalunkwe ħsarat li l-imputat seta' kkawża involontarjament waqt l-akkadut, kienu minħabba l-għemil provokatorju tal-allegat vittma.

Għaldaqstant, mhux se tinstab ħtija lanqas fuq din l-imputazzjoni.

*<u>Ir-raba' imputazzjoni: ksur tal-bon ordni</u>*

Skond il-ġurisprudenza kostanti, l-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali sseħħ, bħala regola:

> *"meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom iseħħ, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-imputat jew l-akkużat ) dwar l-inkolumita` ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil."*[26]

Fil-każ in eżami, l-akkadut seħħ ġewwa l-ħanut fejn l-imputat kien għall-affari tiegħu meta sab ruħu affaċċjat minn raġel "*ta' nazzjonalità` Libjana*" li mar għas-sodisfazzjon dwar l-argument li kien inqala' ftit qabel bejn ħabiba tiegħu u l-imputat. Fid-dawl tas-suespost, l-għemil tal-imputat ma kienx "volontarju" iżda ipprovokat mill-għemil tal-allegat vittma. Mhux biss, iżda l-Qorti taqbel mal-linja difensjonali tal-imputat u tinsab moralment konvinta illi hu kellu jiddefendi lilu nnifsu kontra l-aggressjoni li ġiet fuqu għall-għarrieda. Mill-atti probatorji jirriżulta illi waqt l-akkadut ma kien hemm ħadd iżjed ħlief iż-żewġ partijiet u dik il-ħabiba li intervjeniet biss biex tieħu l-*mobile* tal-imputat u titlaq 'il barra bih. Sussegwentement, dik ix-xhud qalet illi tant kienet "*ippanikjata*" li bdiet tiġri bejn il-ħanut u l-għassa tal-pulizija mingħajr ma talbet l-assistenza. Iżda l-Qorti tqis li l-verżjoni tagħha m'għandhiex mis-sewwa. Il-ġlieda waqfet meta l-allegat vittma u l-ħabiba telqu mill-ħanut u "*sparixxew.*" Lanqas f'dak il-punt ma marru jagħmlu rapport dwar l-akkadut.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Monica Pullicino**[27]**:**

> *Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-ligi taghna tipprovdi ghad-difiza tal-legittima difeza f'kaz ta' aggressjoni diretta biex tikkaġuna offiża fuq il-persuna (Art.223, Kap.9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-kaz ta' l-ingurja kontravenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ara* ***Il-Pulizija v Joe sive Joseph Vella*** *App.Krim. 7/12/95), fil-kaz tar-reat ta' ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika il-ligi ma tipprovdi ghal ebda difiża speċifika. Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per eżempju, li persuna li tiġi aggredita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun digà saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli u ghalhekk ma jistax jammonta ghal* breach of peace.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali, il-Qorti tqis li m'għandhiex issib ħtija fuq din l-imputazzjoni.

---

[26] **Il-Pulizija vs Maria Concetta Green,** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, Volum LXXXIII Part IV paġna 441
[27] Per Onor. Imħallef Vincent De Gaetano, deċiża fil-25 ta' Ġunju, 2001.

**Decide**

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**